MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 163/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Casha**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alfred Casha, detentur tal-karta tal-identita` numru 441343(M), talli fit-12 ta’ Jannar 2010, kif ukoll fix-xhur ta’ qabel din id-data, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel

ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil xi ħadd fil-pussess tar-raba magħruf bhala 'Tal-Ħofra' limiti tal-Għargħur, lis-sidien tal-istess art u dana bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna lill-imsemmi Alfred Casha jneħħi l-inkonvenjent taħt ħlas ta' penali fin-nuqqas;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Casha ħati ta' l-imputazzjoni kif riżultanti miċ-ċitazzjoni in eżami skond 1-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu multa ta' €100, u ordnat li jiġi konformi mal-liġi sa żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza appellata taħt penali ta' €10 kull jum li fih ikompli n-nuqqas skond 1-artikolu 377(3) tal-istess Kodiċi Kriminali. Inoltre ordnat li jhallas l-ispejjeż kollha in konnessjoni man-nomina tal-espert lir-Registratur;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Alfred Casha ppreżentat fit-2 ta' April 2012 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Alfred Casha huma s-segwenti:

> "(a) Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni tal-artikolu 85 tal-Kap 9 in kwantu skartat kompletament l-element ta' pussess paċifiku li għandu l-kwerelanti

[*recte:* kwerelat] tenut kont li huwa kien jaħdem dan ir-raba bil-kunsens ta' martu li għandha sehem minn dan ir-raba. Bir-rispett kollu għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti l-appellanti kellu l-kunsens ta' waħda mis-sidien li hija martu u kellu wkoll pussess paċifiku tar-raba liema pussess baqa' mhux interrott sat-12 ta' Jannar 2010.

"(b) Fit-tieni lok fl-umli fehma tal-esponenti dan huwa każ ċivili u mhux wieħed kriminali.

"(c) Fit-tielet lok l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi miġbura stante li l-appellanti ma kellux bżonn il-kunsens tas-sidien kollu u kellu jipprova biss li kellu l-pussess ħaġa li huwa pprova kif jirriżulta mill-atti. Mhux minnu dak li rrapurtaw l-kwerelanti li huma qegħdin f'kawża dwar il-qsim tal-wirt u l-ebda prova ta' dan ma ġabu.

"(d) Fir-raba' lok. l-appellanti ma kellux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha in konnessjoni man-nomina tal-espert meta f'din il-kawża ma kienx hemm lok għal tali espert tekniku stante li l-materja hija waħda purament ċivili u tali talba saret mill-*parte civile* u mhux minnu.

"(e) Fil-ħames lok, anke jekk din il-Qorti kellha ssib lill-appellanti ħati tal-akkużi kif dedotti, il-piena hija eċċessiva stante li huwa dejjem kien qed jaħdem r-raba li ġej minn wirt ta' martu Rosaria bil-kunsens tal-istess martu u tal-werrieta l-oħra."

**6.** Biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' *ragion fattasi*, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

"(1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-ħadd ieħor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in diżamina - li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew għal

reat ieħor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika".[1]

**7.** Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. L-ewwelnett jiġi osservat illi hawn si tratta ta' żewġ porzjonijiet art magħrufa "Tal-Ħofra" fil-limiti tal-Għargħur. Dawn jinsabu indikati fil-pjanta Dok. JC080701 immarkati bħala ABCD u ABFE. Joseph Cuschieri, wieħed mill-kwerelanti, xehed illi l-appellant kien ilu jaħdem il-parti ABCD xi seba' snin. Meta mbagħad l-appellant daħal jaħdem l-parti ABFE, sar ir-rapport lill-Pulizija. Dwar il-parti ABFE Joseph Cuschieri jgħid illi din kienet tinħadem minn ħuh Bertu Cuschieri u qablu Raymond Cuschieri. Meta mietet ommhom kienu qalu lil Bertu ma jaħdimhiex u l-art baqgħet żdingata sentejn jew tlieta. Hu kien jgħaddi jittawwal. Minn dan jidher illi din l-azzjoni ta' *ragion fattasi* trid neċessarjament tkun limitata għall-parti ta' l-għalqa ndikata bl-ittri ABFE fuq l-imsemmi dokument ġaladarba kien magħruf illi l-appellant kien ilu jaħdem il-parti ABCD u ma tteħdux passi fir-rigward entru t-terminu preskrittiv.

**8.** Issa, l-appellant fix-xiehda tiegħu ta verżjonijiet kontrastanti dwar kif huwa beda jaħdem dawn il-porzjonijiet. L-ewwel jgħid illi ċerta Berta Fenech tagħtu l-għalqa mmarkata ABCD u ABFE fuq l-imsemmi Dok. JC080701. Imbagħad jgħid illi mar Pietru Cuschieri u qallu biex jaħdem l-għalqa ABCD bi sħab miegħu. Dwar l-għalqa ABFE imbagħad jgħid li qallu ta' l-Għammieri biex jaħdimha għax kienet żdingata. Jgħid ukoll illi omm Joseph Cuschieri kienet qaltlu li r-raba rebħuha hu, il-mara u t-tifla.

**9.** Martu Lucy Cuschieri xehdet li z-zija Berta, oħt ommha, kienet qaltilha li se ttiha l-għalqa għax kienu jduru bit-tifla tagħha. Qalet li l-għalqa kienet taz-zija Berta u f'xi żmien ħadet inkarigu ommha li daħlitha taħdem l-għalqa filwaqt illi ħuha Pietru kien qallha biex l-ewwel tidħol bil-mod il-mod u wara taħdimha kollha. Tgħid illi hemm bir fil-parti ABFE li kienu jużaw minn dejjem u kienu anke jaqtgħu l-frott min-naħa tal-ħajt EF. Il-parti ABFE baqgħet imħarbta għal

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

ċertu żmien, marret tirrapporta l-Għammieri dwar il-ħsara li kienet qed issir u qabdet taħdimha wara li rċeviet ittra mill-Għammieri fejn qalulha biex tidħol taħdimha. Ħadmuha hi, ir-raġel u t-tfal.

**10.** Jingħad mill-ewwel illi ma nġabet l-ebda prova li xi parti mill-għalqa in kwistjoni tħalliet lill-appellant jew lil martu minn Berta Fenech. Inoltre ma ġiex prodott Pietru Cuschieri biex jixhed dwar dak li seta' qal lill-appellant u/jew lil mart l-appellant, li allura għandu jitqies bħala *hearsay.* Inoltre l-art ma kinitx ta' l-Għammieri u għalhekk il-permess biex tinħadem il-porzjoni ABFE kellu jiġi mis-sidien. Huwa minnu illi mart l-appellant hija waħda mis-sidien, iżda bħalma ntqal fis-sentenza fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Georgina Gauci**, 7 ta' Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76.:

> **"Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom – sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita` kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi – drittijiet ta' tgawdija ndaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarju jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu 'b'mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet taghhom'. Ovvjament hemm certi oggetti li ma jistghux jitgawdew jew jigu uzati mill-ko-pussessuri jew mill-koproprjetarji <u>kontemporanjament</u>; il-ko-pussessuri jew koproprjetarji ta' pinna ma jistghux jiktbu biha lkoll f'daqqa! Fil-kaz tal-pussess – ghax l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta` – dak li hu mehtieg hu li ko-pussessuri jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b'mod li ma jkunx jista' jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta' dak l-oggett."**

**11.** Inoltre fis-sentenza fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Agius** mogħtija fit-3 ta' Lulju 2008 intqal:

> **"il-fatt li ghalqa jew bicca art tkun ilha ma tinhadem jew tinharat ma jfissirx li b'daqshekk ma tkunx tappartjeni lil haddiehor. Ma hemm ebda obbligu fuq sidien ta' artijiet agrikoli li jahdmuhom u di fatti huwa *common knowledge* li sfortunatament illum hemm hafna artijiet agrikoli fil-gzejjer Maltin li ghal raguni jew ohra ma jinhadmux u jinsabu zdingati. Dan pero` zgur ma jintitolax lil sidien jew okkupanti ta' artijiet vicini jew adjacenti li jinvaduhom u jokkupawhom bhallikieku kienu taghhom bla kliem u bla sliem. Lanqas ma jfisser li s-sidien legittimi ta' dak ir-raba abbandunat**

> **ikunu rrinunzjaw id-dritt ta' pussess fuqu. Il-pussess fuq il-proprjeta` kampestri ma jesigix li sid joqghod ghassa mieghu lejn u nar bil-lupara f'idu biex jilqa' lil xi invazur potenzjali."**

**12.** L-appellant kien jaf li l-għalqa ma kinitx ta' martu biss. Kien jaf li kien hemm oppożizzjoni għalih in vista ta' dak li xehed li kien isib miktub fuq tank. Jekk ħaseb li kellu dritt jaħdimha, kellu jiddetermina dak id-dritt permezz tal-Qorti kompetenti. Konsegwentement is-sentenza appellata se tiġi kkonfermata in kwantu tirreferi għall-porzjoni ta' l-għalqa mmarkata ABFE fuq il-pjanta Dok. JC080701.

**13.** Kwantu għall-ispejjeż peritali, jirriżulta illi l-kwerelanti għamlu l-kwerela tagħhom lill-Pulizija li tniżżlet bil-miktub mill-Pulizija stess.[2] Barra minn hekk, għalkemm ġie nominat perit arkitett bħala perit tekniku, effettivament ma jirriżultax li f'dan il-każ kien hemm il-ħtieġa tan-nomina ta' persuna ta' "ħila jew sengħa speċjali" (art. 650 tal-Kap. 9). Għalhekk l-appellant ma kellux jiġi kkundannat iħallas spejjeż peritali.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tiddetermina li l-appellant Alfred Casha għandu jitqies ħati ta' l-imputazzjoni dedotta in kwantu jirrigwarda biss il-porzjoni ta' l-għalqa mmarkata ABFE fuq il-pjanta Dok. JC080701; tordna, skond l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, li jiġi konformi mal-liġi in kwantu jirrigwarda din il-porzjoni, u dan sa żmien tliet xhur millum taħt penali ta' €10 kull jum li fih ikompli n-nuqqas. Tirrevokaha in kwantu ordnat li jhallas l-ispejjeż kollha in konnessjoni man-nomina tal-espert lir-Registratur; u tikkonfermaha in kwantu ġie kkundannat iħallas multa ta' €100.

---

[2] Ara Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla**, 28 ta' Jannar 2008 u **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et**, 2 ta' Lulju 2008.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------